MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 80/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Tonna)**
**Vs**
**Mario Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli, fi granet differenti, fix-xahar ta’ Lulju, 2005, gewwa Swieqi, bhala ufficjal jew impjegat f’amministrazzjoni pubblika, w jew impjegat mal-Gvern, jew tal-Gvern, sew jekk kellu jedd jew ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta’ stabbiliment pubbliku illi taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettiex, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi waqt li kien qed jamministra xoghol ta’ provediment ta’ servizz tal-ilma f’isem il-“Water Services Corporation”, gewwa Triq il-Qatta, Swieqi, u dan

ai terminu tal-artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Marzu, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 112 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, w tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali netta tal-appellant, illiberat lill-appellant taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.
Finalment il-Qorti tat lill-appellant l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 t'April, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, w kwindi tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-unika mputazzjoni dedotta kontra tieghu w tilliberah minnha skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-.li l-appellant instab hati hazin fuq il-fatti tal-kaz stante li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt legittimament u ragjonevolment tasal biex issib htija sal-grad rikjest mill-ligi abbazi tal-provi prodotti. L-appellant, mistoqsi ripetutament mill-Ispettur li nvestiga l-kaz jekk talabx flejjes ghalih, cahad bl-aktar mod kategoriku w inekwivoku, izda sahaq li l-uniku diskors dwar flus kien biss fil-kuntest li l-Water Services Corporation probabbilment kienet ser ticcargja xi haga zejda minhabba t-tul. Hemm biss ix-xhieda ta' Keith Mangion in sostenn tat-tezi tal-prosekuzzjoni. Dan xehed li qatt ma ssemmew flus izda li l-appellant kien lest li "jirrangalhom". L-appellant hu korroborat minn Joseph Deguara li ghamel ix-xoghol fuq il-post flimkien mall-appellant. Ix-xiehda ta' Adrian Mifsud hi umbaghad *detto del detto* u f' kull kaz ma

taqbilx ma dak li xehed Keith Mangion. Adrian Mifsud kien gideb fil-*complaint* li kien ghamel lill-Water Services Corporation, meta allega li l-appellant u Joseph Deguara kienu telqu minn fuq il-post wara li Keith Mangon kien irrifjuta li jaghtihom flus. Anzi huma kienu gew imkeccija minn fuq il-post minn Mangion, wara l-argument li Mangion kellu mal-appellant dwar ic-cavetta. L-appellant u Deguara kienu minnufieh infurmaw b' dan lil Foreman taghhom li kien qalilhom biex imorru lura l-ufficcju halli jassenjalhom xoghol iehor. Dan il-fatt hu konfermat mill-istess Foreman Joseph Farrugia. Il-*job sheet* giet mimlija minn Joseph Deguara biex tinghata lill-Water Services Corporation kif effettivament inghatat u ghalhekk hu inverosimili ferm li l-appellant kien offra lil Mangion li jirrangalu hu w ma jdahhalx il-kumpanija fin-nofs. Fix-xiehda tieghu l-appellant kien konsistenti ghall-ahhar mal-versjoni li hu kien ta lill-Ispettur *a tempo vergine*. Spjega kif inqala incident dwar ic-cavetta ma Mangion.

Li minnkejja li l-Ewwel Qorti qalet fis-sentenza appellata li kien hemm konflitt fil-provi, bbazat il-kredibilita' ta' Keith Mangion fuq il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda komparat mal-komportament tal-appellant. Izda ma qiesetx il-motiv car li kellu Mangion li jivvendika ruhu mill-appellant wara li kellu xi jghid mieghu fuq ic-cavetta, cirkostanza li Mangion naqas li jsemmi fix-xiehda tieghu w semmiha biss meta gie mistoqsi in kontro-ezami. Id-decizjoni tal-Ewwel Qorti kienet wahda *unsafe and unsatisfactory*. Hemm dubju dettat mir-raguni li ghandu jmur favur l-appellant.

Sussidjarament, anki jekk wiehed kellu jemmen u jaccetta l-versjoni ta' Mangion, dan xorta wahda ma jwassalx ghas-sejbien ta' htija ai termini tal-artikolu 112 tal-Kap.9. Il-kliem li "*jirrangalhom*" li allegatament intqal ma jfissirx li ntalbu flus.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravji tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Illi trattandosi ta' apprezzament tal-fatti, hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens *“inter alia”* l-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94; **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. George Azzopardi“** [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991]; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .)

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legittimament u ragjonevoment issib lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Ikkonsidrat;

Illi mill-assjem tal-provi traskritti jidhru assodati s-segwenti fatti :- Certu Adrian Mifsud kien talab lill-Water Services Corporation biex jistalla servizz tal-ilma go garage li hu kien xtara fi Triq il-Qatta' , Swieqi. Gie iffissat appuntament ghat-18 ta' Lulju, 2005 biex ikun jista' jibda' xoghol u l-Foreman Joseph Farrugia kien baghat fuq il-post lill-appellant u lil Joseph Deguara. Dawn raw fejn ried jigi x-xoghol, pero' peress li l-main kien fuq in-naha l-ohra

tat-triq u proprju fejn riedu jhaffru t-triq biex iggongu mal-water main kien hemm karozza pparkjata li hadd ma kien jaf ta' min kienet,  ix-xoghol ma setax jibda dak in-nhar.

Meta regghu marru, skond Keith Mangion li kien intbaghat minn Mifsud biex jiehu hsieb dil-bicca xoghol, f' hin minnhom l-appellant kien semma li minhabba t-tul li kien hemm il-kumpanija setghet ticcargjhom extra. Hawn pero' hemm divergenza bejn dak li qal Mangion u dak li jsostni l-appellant. Fil-waqt li Mangion xehed li l-appellant kien avvicinah wahdu w qallu li jekk ried ma kienx hemm ghalfejn li jinfurmaw lill-kumpanija Water Services Corporation u seta' hu jirranga hu fis-sens li huma jirrangaw mieghu u mhux mall-kumpanija, l-appellant jichad li kien qal dan id-diskors u li kien semma biss il-possibilita' ta' xi *extra charges* mill-Korporazzjoni minhabba t-tul li kien hemm.

In sostenn tal-versjoni tieghu, Mangion isostni li meta l-appellant kien qallu dan il-kliem hu ghal-ewwel kien qallu li l-imghallem tieghu (Mifsud) ma kienx ser jaccetta, pero' hu lil Mifsud xorta kien qallu b' din il-proposta tal-appellant dakinhar filghaxija izda Mifsud ma accettax. In kontro-ezami Mangion xehed li l-kliem ezatt li kien qallu l-appellant kien : "***Siehbi, hemm hlas zejjed rigward it-tul, trid nirrangaw bejnitna w ma ndahhlux lill-kumpanija fin-nofs?"***  Flus jew ammonti ma ssemmewx pero'. Dak il-hin li ntqal id-diskors kienu fil-passaggi tal-garagijiet u mhux gol-garage proprja. Il-haddiem sieheb l-appellant kien fil-garage,  pero' l-appellant kien allontanah minn dan l-impjegat.

L-appellant, fil-waqt li sija fl-istqarrija tieghu kif ukoll fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti jaccetta li semma li jista' jkun li kien ser ikun hemm *extra charge*, cahad li qal il-kliem li jekk irid jirrangalu w ma jdahhlux lill-kumpanija.

Issa fil-waqt li Mangion hu sa certu punt korroborat mic-cirkostanza li hu dak in-nhar stess filghaxijia kien irrefera l-proposta tal-appellant lill-imghallem tieghu Adrian Mifsud, kif del resto xehed l-istess Mifsud, l-appellant sa

certu punt hu korroborat mill-haddiem l-iehor Joseph Deguara li xehed li : *"…fl-ebda mument ma rajt lill-imputat fil-hin li jien kont mieghu fuq dan ix-xoghol jigbed lill-lavrant* (Mangion) *f' gemb biex ikellmu wahdu."* Dan ix-xhud xehed li l-formola ossia l-*job card* esebita (Dok. TMP 1) kien imliha hu w ghaddiha lill-foreman kif dejjem isir.

Gie umbaghad assodat li kien inqala' inkwiet bejn l-appellant mill-banda wahda u Mangion u Mifsud dwar ic-cavetta tal-garage, ghaliex din, wara li Mangion kien taha liz-zewg haddiema tal-Water Services Corporation u l-appellant dahhalha fis-serratura biex ma tintilfx ghax Mangion ried jitlaq minn fuq il-post, fl-ahhar tal-gurnata tax-xoghol, l-appellant u Deguara ma kienux sahbuha fejn hallewha w fl-okkazzjoni sussegwenti meta regghu marru fuq il-post, Mangion kien insista li jatuh din ic-cavetta lura w meta qalulu li ma kienetx ghandhom qam diverbju shun, tant li kellu jmur fuq il-post Adrian Mifsud li ukoll gie f' diverbu mall-appellant, tant li Mifsud qalilhom biex jitilqu minn hemm u li kien ser jaghmel rapport lill-Korporazzjoni.

Illi l-*crux* ta' din il-kwistjoni hi jekk hux minnu li l-appellant kien qal id-diskors li qed jallega li ntqal Keith Mangion. Illi indubbjament hemm konflitt fil-provi f' dan il-kaz. Pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **:"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003] : *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."*

Illi l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali mbaghad jiddisponi li "*f' kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar."*

Ikkonsidrat;

Li l-Ewwel Qorti kienet konsapevoli minn dan il-konflitt u dan qalitu espressament fis-sentenza appellata. Ghalhekk wieznet sew il-provi li gew minnha riprodotti *in extenso* u testwalment fis-sentenza appellata w, wara li qieset il-komportament tax-xhud Mangion fuq il-pedana tax-xhieda w dik tal-appellant u wara li kkonsidrat ic-cirkostanza korroborattiva ta' Mangion li hu kien irraporta minnufieh lill-*employer* tieghu Mifsud bil-proposta tal-appellant, iddecidiet li kellha temmen il-versjoni ta' Mangion.

Din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni ripetutament iccitat b' approvazzjoni dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very *reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone."*" (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt",** deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…., il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha w wara li qieset il-motivazzjoni li l-Ewwel Qorti tat fis-sentenza appellata, ma tarax li hemm raguni ghala ghandha tiddisturba dan l-apprezzament ta’ fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti meta emmnet il-versjoni ta' Keith Mangion u mhux dik tal-appellant.

Ghalhekk l-aggravju li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi, salv dak li ser jinghid aktar 'l isfel f' din is-sentenza, qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-aggravju tal-appellant li l-kliem li qed jigi allegat li ntqal xorta wahda ma jinkwadrax ruhu fl-elementi tar-reat kontenut fl-artikolu 112 tal-Kodici Kriminali, jigi osservat li dan l-artikolu jaghmilha reat li kull ufficjal jew impjegat f' amministrazjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, taht il-libsa tal-kariga tieghu, jesigi dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed milli tippermetti l-ligi." L-appellant mhux qed jikkontesta li hu impjegat fl-amministrazzjoni pubblika imma li ladarba ma talab ebda ammont specifiku ta' flus imma biss semma l-kelma li jirrangalhom, dan ma jammontax ghar-reat.

Proprjament, kif xehed Mangion, il-kliem preciz ma kienx li "jirrangalhom" imma dak gja hawn fuq riprodott u cioe' : "***Siehbi, hemm hlas zejjed rigward it-tul, trid nirrangaw bejnitna w ma ndahhlux lill-kumpanija fin-nofs?"*** Kjarament dan id-diskors seta' jfisser biss li hu jircevi hlas personalment u b' hekk tigi *"by-passed"* il-Korporazzjoni w minnflok tithallas hi tax-xoghol zejjed u materjal zejjed li seta' jigi inkors u wzat minnhabba t-tul tal-komunikazzjoni tas-servizz tal-ilma, jircevi l-hlas hu. Dan, fil-fehma tal-Qorti, anki jekk f' dak l-istadju ma kienx issemma ammont specifiku ta' flus, zgur jikkostitwixxi t-tenattiv tar-reat imsemmi fl-artikolu 112, tentattiv li falla minnhabba r-rifjut ta' Adrian Mifsud li jaccetta l-proposta tal-appellant lilu mwassla minn Mangion, li certament kienet tammonta

ghal-bidu tal-esekuzzjoni tad-delitt u liema reat ma sehhx minnhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tal-appellant.

F' dan is-sens biss hemm lok ghall-riforma tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta w minnflok issibu hati ta' tentattiv tar-reat kontemplat fl-artikolu 112 tal-Kodici Kriminali, pero' tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin, a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------